## INTRODUZZJONI

Fl-iskola ta' San Pawl il-Baħar li tagħmel parti mill-Kulleġġ ta' Marija Reġina, aħna nemmnu li l-uniformi tal-iskola jilgħab rwol importanti fl-etos tal-iskola. Għaldaqstant nesieġu li l-istudenti kollha għandhom jilbsu l-uniformi meta jattendu l-iskola jew meta jipparteċipaw f'xi attivitajiet organizzati mill-istess skola.

Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali tal-2012, jisħaq li l-istudenti huma ċittadini attivi li għandhom ikunu kapaċi jagħrfu l-valuri tal-ġustizzja soċjali f'dinja li qegħda kontinwament tinbidel u tiżviluppa.

B'dan il-mod aħna nemmnu li l-uniformi jiggarantixxi li l-istudenti jifhmu u jgħixu din il-ġustizzja soċjali billi jinħoloq bilanċ fid-dehra tal-istudent.

L-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa li:

- nissalvagwardjaw is-saħħa u s-sigurta' ta' kull student
- jinħoloq sens ta' komunita' u appartenenza
- li l-istudenti tagħna jiġu identifikati b'mod aktar faċli minn tfal ta' skejjel oħra
- l-istudenti iħossu lilhom infushom u jħarsu lejn ta' madwarhom b'mod ugwali

## L-UNIFORMI TAL-ISKOLA

- L-uniformi jrid jintlibes il-ħin kollu ġaladarba l-istudent ikun fl-ambjent tal-iskola.
- Il-koperazzjoni tal-ġenituri u kustodji hija katina mportanti biex dan id-dokument ikun effettiv.
- Aħna nemmnu li huwa dmir il-ġenituri u kustodji li jibagħtu lil uliedhom bl-uniformi tal-iskola nadifa, f'kundizzjoni tajba u skont il-qies tal-istudent.
- Min-naħa l-oħra, l-ġenituri jew kustodji tal-istudenti huma mistiedna jinfurmaw il-Kap tal-Iskola jekk b'xi mod jew ieħor l-uniformi jservi ta' xkiel lill-istess student minħabba xi bżonnijiet jew kundizzjonijiet speċjali.

- Il-ġenituri/kustodji huma ġentilment mitluba jimmarkaw l-isem u l-kunjom tal-istudent fuq il-partijiet differenti tal-uniformi biex b'hekk jinstab malajr f'każ li jiġi mitluf.
- Brieret u ġkieket li għandhom qfieli twal jaf ikunu ta' periklu għas-saħħa tal-istudent. Għalhekk il-ġenituri/kustodji tat-tfal huma ġentilment mitluba li jneħħu jew iqassru dawn il-qfieli mill-ilbies tal-istudenti.
- F'okkażżjonijiet speċjali bħall-festin tal-Milied, l-amministrazzjoni tal-iskola tista' tagħti permess lill-istudenti biex jilbsu ħwejjeġ inqas formali.

**L-UNIFORMI TAL-EWWEL SENA TAL-KINDER U TAL-EWWEL SENA TAL-PRIMARJA**

- Fis-sena skolastika 2020/2021, l-uniformi l-ġdid tal-Kulleġġ Marija Reġina qed jiġi introdott fl-ewwel sena tal-Kinder u fl-ewwel sena tal-primarja.
- Il-fornitur uffiċjali huwa Yorkie Clothing u d-dettalji tiegħu jinsabu hawn taħt:

  Ħanut: Yorkie, Triq San Giljan, B'Kara BKR 2808. (ħdejn l-Isptar Mater Dei)

  Fabbrika: 050, Qasam Industrijali, San Gwann SGN 3000

  Email: info@schooluniformsmalta.com

  Tel: +356 2149 7278

- L-uniformi l-ġdida hija disponibbli u tista' tordnaha onlajn billi taċċessa l-websajt ta' Yorkie Clothing : (http://www.schooluniformsmalta.com) jew inkella billi żżur il-ħanut / fabbrika ta' Yorkie Clothing.

- L-uniformi tas-sajf jrid jintlibes minn Settembru sal-bidu ta' Novembru u min-nofs Mejju sa Ġunju u jikkonsisti minn:
  a) xorts tal-P.E.
  b) 'polo shirt' tal-kmiem qosra
  ċ) 'P.E. t-shirt' bi kmiem qosr (dan jintlibes bħala flokk qasir tax-xitwa tal-P.E. wkoll)
  d) beritta

- L-uniformi tax-xitwa jrid jintlibes mill-bidu ta' Novembru sa nofs Mejju u jikkonsisti minn:

  a) qalziet tat-tracksuit
  b) ġerżi Crewneck tat-tracksuit
  ċ) ġakketta tat-tracksuit
  d) polo shirt (kmiem twal) – OGGETT GDID
  e) ġakketta tax-xitwa / Anorak
  f) beritta




**L-UNIFORMI TAT-TIENI SENA TAL-KINDER, U MIT-TIENI SENA SAS-SITT SENA TAL-PRIMARJA**

L-istudenti tat-tieni sena tal-Kinder u dawk li qegħdin mit-tieni sas-sitt sena tal-primarja huma mitluba jilbsu l-P.E. Kit matul il-ġimgħa kollha.



L-uniformi tax-xitwa

- Il-P.E. Kit tax-xitwa għandha tintlibes mill-bidu ta' Novembru sa nofs Mejju.
- F'każ ta' xita jew kesħa trid tintlibes il-ġakketta/'anorak' tal-kulleġġ jew fin-nuqqas ta' din, ġakketta sewda jew blu skur li tista' tiġi merfugħha fil-basket tal-iskola.



L-uniformi tas-sajf

- L-uniformi tas-sajf irid jintlibes minn Settembru sal-bidu ta' Novembru u min-nofs Mejju sa Ġunju.
- Il-beritta tal-kulleġġ trid tintlibes meta l-istudent ikun qiegħed barra fil-bitħa jew waqt xi attivitajiet li jsiru barra l-binja tal-iskola. Brieret suwed jew blu skur huma wkoll aċċettabbli.
- Il-ġenituri/kustodju huma wkoll imħeġġa jidilku lill-istudenti bil-krema ta' protezzjoni kontra r-raġġi tax-xemx qabel ma jitilqu mid-dar filgħodu.

**IX-XAGĦAR**

- L-istil tax-xagħar għandu jkun wieħed li jixraq għall-ambjent tal-iskola.
- L-iskola ma tippermettix li l-istudenti jiġu l-iskola b'xi stil ta' xagħar li jaf ifixkel l-attenzjoni tal-istess student jew ta' studenti oħra mill-istess klassi.
- Xagħar twil għandu jkun miġbud 'il fuq, 'il bogħod mill-wiċċ eżempju malji jew toppu.
- Jekk xi student ser jilbes parrokka jew 'braids' dawn iridu jkunu suwed jew kannella.

- Jekk ser jintużaw xi żibeġ fil-malji dawn għandhom ikunu suwed jew blu. ‘Hair bands’ u ‘clips’ tax-xagħar ukoll iridu jkunu blu jew suwed.
- Studenti li ma josservawx dawn ir-regolamenti billi jilbsu aċċessorji differenti minn dawn imsemmija ser jintalbu jneħħuhom minn xagħarhom.
- Jekk dan ma jkunx possibbli, issir telefonata lill-ġenituri/kustodji tat-tfal biex jiġu l-iskola u jneħħu dawn l-aċċessorji.

**ŻRABEN**

- L-istudenti huma mitluba jilbsu ‘trainers’ u kalzetti nodfa u addattati biex jintużaw għall-eżerċizzju fiżiku li jsir kuljum.
- Krakar, żraben mituħa, ‘trainers’ bir-roti jew bid-dawl u żraben bil-‘platform’ mhumiex aċċettabbli.

**ĠOJJELERIJA**

- Għal raġunijiet ta’ saħħa u sigurtà l-ebda ġojjellerija ħlief għall-imsielet ‘plain studs’ ma huma aċċettati fl-ambjent tal-iskola.
- ‘Tracking devises’, telefons ċellulari u affarijiet oħra ta’ preġju wkoll m’humiex aċċettabbli.
- Jekk student jiġi l-iskola b’xi aċċessorji oħra, dawn ser jintalbu jitneħħew mal-wasla tal-istudent ġewwa l-iskola, jittieħdu u jiġu rritornati biss fi tmiem il-ġurnata filwaqt li l-ġenituri/kustodji ser jiġu nfurmati.

**AĊĊESSORJI**

- Xalel, ingwanti u ‘beanies’ huma permissibbli, biss dawn iridu jkunu suwed jew blu skur mingħajr ebda tip ta’ disinn.
- Dawn għandhom jintlibsu biss fil-bitħa jew meta l-istudent joħroġ barra mill-iskola.
- Għal raġunijiet ta’ saħħa u sigurta’ umbrelel m’humiex aċċettati.

**'MAKE-UP'**

- L-ebda tip ta' 'make-up', 'tatoos' jew 'nail polish' ma huwa aċċettat mill-istudenti meta dawn libsin l-uniformi.
- Jekk student ser jiġi bil-'make up' ser jintalagħab jneħħih immedjatament bl-ilma.
- Il-ġenituri/kustodji ser jiġu nfurmati f'każ ta' 'nail polish' jew 'make up' ieħor li ma jistax jitneħħa l-iskola biex sal-għada jittieħdu passi biex dan jitneħħa.

**SANZJONIJIET GĦALL-ILBIES LI MHUX XIERAQ**

L-amministrazzjoni tal-iskola u l-għalliema għandhom id-dritt li jwaqqfu lill-istudenti milli jattendu ħruġ organizzat mill-iskola jekk dawn ma jkunux lebsin skont ir-regolamenti hekk imsemmija.

**Il-BASKTIJIET TAL-ISKOLA**

Hekk kif ġie stabbilit fil-'Linji gwida dwar il-Piż u l-Ġarr tal-Basktijiet tal-Iskola' li ġew ippubblikati mill-MEDE fl-2020:

• Il-backpacks huma aħjar mill-basktijiet tal-iskola tradizzjonali jew il-basktijiet sportivi għax jippermettu li t-toqol jinġarr b'mod ekwu fuq l-ispallejn.

• Meta jinxtara backpack wieħed għandu jara li jkun iddisinjat sew, li ċ-ċineg ikunu kkuttunati tajjeb, wesgħin u li jkunu jistgħu jiġu aġġustati; hekk wieħed ikun qed jippreveni l-uġigħ tad-dahar.

• Il-materjal li minnu jkun magħmul il-backpack jista' jżid mal-piż. Għalhekk wieħed għandu jmur għal basket ħafif imma li jkun jiflaħ għall-istrapazz.

• Il-basktijiet għandhom ikollhom żewġ ċineg u jkunu jistgħu jintlibsu fuq iż-żewġ naħat.

• Basktijiet b'żewġ ċineg jassiguraw li l-qagħda tassinsla tad- dahar ma tinbidilx anke meta t-tfal jitilgħu taraġ b'tagħbija ta' 10% tal-piż ta' ġisimhom.

• Basktijiet b'ċinturini mal-qadd huma l-aktar utli meta l-basktijiet ikunu tqal.

• Basktijiet bir-roti għandhom jiġu evitati jekk l-istudenti jkollhom jitilgħu turġien billi dawn ikollhom jintrefgħu.

• Basket li jkun kbir wisq jew li ma jkunx jista' jiġi aġġustat biex joqgħod sewwa mad-dahar, joħloq skumdità u jinħass li qisu jkun qed isir sforz akbar biex jinġarr.

• Basktijiet b'ħafna kompartamenti u spazju żejjed se jħajru lill-istudenti jpoġġu aktar affarijiet ġo fihom.

Il-Ġarr tal-Basktijiet

Fakkar lil ibnek/bintek li:

• Il-basktijiet għandhom jintlibsu madwar 5 ċentimetri 'l fuq mill- qadd.

• Jeħtieġ jiġu adottati modi ta' rfigħ korretti, fejn jiltwew is-saqajn, iktar milli jitgħawweġ id-dahar.

• Trid tingħata attenzjoni wkoll meta jkunu qed jintrefgħu l-basktijiet fuq id-dahar għax it-tbandil talbasket fuq id-dahar iġib taħlita ta' liwi u tgħawwiġ fil-ġnub tas-sinsla u dan jista' jikkawża stress jew ġbid eċċessiv fuq l-istess sinsla.

• Meta jitqiegħed sewwa, il-basket għandu jidħol sewwa mal- kurvatura tad-dahar u mhux jiddendel 'l isfel millispallejn.

• L-itqal oġġetti għandhom jitqiegħdu l-eqreb kemm jista' jkun tad-dahar tal-istudent.

• Jekk il-basket fih kompartamenti, dawn jeħtieġ li jintużaw biex l-oġġetti jiġu ppakkjati sewwa u ma jħallux kemm jista' jkun it- tagħbija tiċċaqlaq 'l haw u 'l hemm.

• Ara li t-tfal ma jiħdux oġġetti mhux neċessarji l-iskola.

• Kaxex tal-ikel kbar għandhom jiġu evitati.

• Kunu ċerti li t-tfal li jattendu l-iskola Primarja mhux qed ipoġġu t-tablet fil-basket. Għat-tablet għandhom jużaw il-bagalja żgħira li ġiet ipprovduta lilhom.

## L-ILBIES TAL-EDUKATURI

- Kull edukatur fl-iskola Primarja ta' San Pawl il-Baħar fi ħdan il-Kulleġġ Marija Reġina, jrid jara li l-ilbies addottat huwa hekk kif inhu mitlub skont l-'Administrative Handbook for Standard Operating Procedures – Education Directorates: DES-HRDD001-09 (3.2.4 – p.43 – OPS/70/04).'
- Qomos, 'blouses' u 't-shirts' ma jistgħux ikunu magħmulha minn materjal trasparenti, skullati jew b'ċingi dojoq.
- Dbielet jew lbiesi għandhom jaslu mill-inqas sal-irkoppa.
- Xortz mhux aċċettabbli u bl-istess mod ħwejjeġ li huma 'low waisted'.
- Kitba jew stampi fuq 't-shirts' għandhom ikunu xierqa għall-ambjent tal-iskola u bl-ebda mod m'għandhom ikunu offensivi.
- 'Body piercing' u 'tattoos' għandhom ikunu kompletament mgħottija.

## L-ILBIES TAL-ĠENITURI JEW KUSTODJI ĠEWWA L-ISKOLA

Viżitaturi, inkluż ġenituri jew kustodji għandhom josservaw ir-regolamenti hawn fuq imsemmija. Mhux aċċettabbli li l-adulti jidħlu fl-ambjent tal-iskola bi ħwejjeġ mhux xierqa. Jekk f'dubju, wieħed jista' jsaqsi lill-membri tal-amministrazzjoni għal aktar informazzjoni.